Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 43/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: L-Erbgħa, 15 ta' Jannar 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Skużat
Sur Clayton Cascun Portelli	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

43. 1 Ittri ta' Apoloġija

43.1.1 Il-President semma li s-Sur Marco Agius, is-Sur Joseph Abela Gaea u s-Sur John Boxall talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impennji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel li dawk li infurmaw sabiex ikunu skużati mil-laqgħa għandhom jitniżlu bħala skużati.

43.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.42

43.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 42 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

43.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 37

43.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Neil Attard u s-Sur Olaf McKay ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Diċembru 2024 u l-15 ta' Jannar 2025 li kienet tammonta għall-€318,090.04.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

43.4 Komunikazzjoni oħra mill-President

Il-President ippreżenta rendikont mibgħut mill-fondazzjoni Kottonera. Semma li skond il-Ftehom iffirmat, ir-Reġjun baqa' jitlob rendikont ta' dak li qed tagħmel il-Fondazzjoni rigward il-Bid Book għall-Belt Kulturali Ewropea 2031. Ir-Rendikont preżentat ma kienx aċċettat mis-Sindki preżenti u talbu li s-Segretarju jitlob rendikont dettaljat lill-Fondazzjoni. Rendikont anness u mmarkat bħala Dok 1.
Il-President kif ukoll is-Sindki nnutaw li r-Rendikont kien wieħed nieqes mid-dettalji u n-nefqa kienet għada ferm baxxa biex ir-Reġjun joħroġ €100,000 sabiex ikopri it-tieni pagament. Il-President semma li sa Marzu 2025 ir-Reġjun irid joħroġ it-Tieni pagament ta' €100,000.

43.4.1 Belt Kapitali Ewropea 2031

Il-President semma li għadejja komunikazzjoni bejn il-Fondazzjoni Kottonera u l-Kunsill Lokali tal-Birgu fejn jidher li l-Birgu ma setax iħallas lill-Fondazzjoni €50,000 hekk kif kien maqbul qabel maż beda x-xogħol tal-Bid book. Il-President semma li huwa isemmi li r-Reġjun għamel il-parti tiegħu u qed jiffinanzja il-Bid book u jistenna li l-Kunsill tal-Birgu joħroġ sehmu mill-ispejjeż kif dejjem kien miftiehem.
Is-Sur Wayne Aquilina semma li minkejja li jaf x' kien diskuss matul is-snin semma li issa din mhix problema tar-Reġjun imma jaraw bejniethom il-Fondazzjoni u l-Kunsill Lokali tal-Birgu.
Il-President semma li rċieva komunikazzjoni mingħand min qed jieħu ħsieb il-Bid book li l-laqgħa ta' 23 ta' Jannar mhix għall-Kunsilli imma għall-entitajiet u huwa mistieden biss ir-reġjun.

43.4.5 Immaniġjar tal-Iskart

Il-President semma li komplew id-diskussjonijiet mal-kuntrattur tal-iskart. Ippreżenta komunikazzjoni li bagħat il-kuntrattur fejn jidher li qed jaħdem sabiex jilħaq id-deadlines li ingħata. Dokument anness mal-minuti u mmarkat Dok B.
Il-President semma li l-kuntrattur gaħdu jrid jippreżenta l-ESPD ta' subcontractors kif ukoll r-rotot ta' Zabbar, Floriana u Valletta.
Is-Sur Jorge Grech semma l-sipezzjonijiet li għandhom jagħmlu l-ERA fuq it-trakkijiet iqattru u jagħmlu ż-żejt.
Is-Sindki qablu li għandu jkun hemm aktra infurzat u moniteraġġ.

43.4.6 Ittra mill-Kunsill Lokali Birgu

Il-President għamel referenza għall-komunikazzjoni li rċieva mill-Kunsill Lokali tal-Birgu li tirigwardja ittra li l-Kunsill bagħat lil Fr. Avellino wara li deher artiklu fuq l-Independent. Il-President qara l-komunikazzjoni lis-sindki preżenti.

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

43.4.7 LESA Enforcement Scheme	Il-President semma li lejn l-aħħar ta' Frar ir-Reġju jagħti rendikont ta' fondi pendenti li għad hemm taħt din l-iskema. Semma li hemm xi spejjeż relatati mal-festi tal-Milied li għad iridu jiġu rimborzati.
43.4.8 Kważa E-Scooters	Il-President semma li s-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjuni ġew imħarka bħala xhueda f' kawża li hemm għaddejja l-ex operatur tal-e-scooters u l-Avukat tal-Istat. Semma li s-Segretarju tar=Reġjun intalab jagħti x-xhieda tiegħu f' din il-kawża.

43.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni Rapport Finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-Sena 2024

43.5.1 Il-President preżenta r-rapporti preżentati mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-overview tar-rapport u tat spjega ta' kif ir-reġjun għalaq ir-Raba' Kwart tas-sena 2024. Semmiet li da il-kwart ingħlaq b' surplus wara li r-Reġjun irkupra il-maġġoranza tal-ispejjeż relatati mal-ġbir tal-iskart.

43.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, ir-rapport ġie approvati hekk kif preżentati.

43.6 Preżentazzjoni u approvazzjoni Rapport Finanzjarju għas-sena 2024

43.6.1 Il-President preżenta r-rapporti preżentati mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-overview tar-rapport u tat spjega ta' kif ir-reġjun għalaq is-sena 2024 b' surplus.

43.6.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis, ir-rapport ġie approvati hekk kif preżentati.

43.7 Aġġornament

43.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-19:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 17 ta' Frar 2025 fit-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv